# FIL-ĦAMRUN, INT TISTA' TKUN BĦAL DAWN

Għal dawn l-aħħar snin, il-kappillani tal-Ħamrun, għamlu appelli biex matul il-jiem tal-festa niftakru f'dawk li għal raġunijiet diversi ma jkunux jistgħu jgawdu l-festa tal-patrun tagħna San Gejtanu bħal ħaddieħor. Isiru appelli biex mhux biss ngħinu bit-talb tagħna biss imma wkoll materjalment billi nikkontribwixxu f'għotjiet biex jingħataw lil dawn il-familji. Il-Ħamruniżi jikkoperaw u jagħmlu bħal ma dejjem għamel il-patrun tagħhom, u numru ta' individwi magħrufa fil-passat. Qed nirreferi għal dawk li matul iż-żminijiet waqfu f'dan is-subborg tal-Belt Kapitali diversi Istituti tal-Karità li xi wħud għadhom jeżistu sal-lum allavolja b'funzjonijiet differenti f'ċerti kazi. Nixtieq il-lum naqsam magħkom min kienu dawn l-individwi u x'opri għamlu fil-Hamrun, li kif nafu gawdew minnhom anki l-villaġġi u rħula tal-madwar.

**Kavalier Vincenzo Bugeja ( 1821-1890)**

Il-Kavalier Bugeja twieled il-Belt minn familja sinjura. Huwa żżewweg lil Anna Darbois, Naplitana li kienet toqgħod Malta. Minħabba li ma kellhomx tfal il-familja Bugeja ddeċidiet li tagħti s-somma ta' £40,000 lira sterlina għal bini tal-istitut li sal-ġurnata tal-lum għadu jġib l-istess isem. Nafu li f'1884 il-Kavallier Bugeja kien membru fil-Kunsil tal-Gvern minn fejn ukoll għamel il-ġid għall-pajjiż. Huwa miet fid-dar li kellu San Pawl il-Baħar fil-5 ta' Settembru 1890.

L-opra prinċipali ta' Bugeja kienet il-bini tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja, xogħol majestuż li l-pjanti ġew mħażża minn Ferdinandu V. Inglott u finalizzati mill-perit Taljan Virginio Vespignani. Wara ħafna xogħol legali u garanzij finanzjarji kif ukoll approvazzjoni tal-Gvern Malti li ma kienx xi ħaġa faċ li, l-ewwel ġebla tpoġġiet fl-20 ta' April 1876 mis-sinjura Van Straubenzee, il-mara tal-Gvernatur. Minbarra l-istitut f'dan il-kumpless insibu fost affarijiet oħra kappella u anki ġonna. Il-ftuħ uffiċjali sar kważi erba' snin wara f'1880, fit-8 ta' April. Kien inawgurat mill-President tal-Qrati Maltin Sir Antonio Micallef fost numru kbir ta' mistiednin u eluf oħra ta' Maltin minn kull rokna tal-gżejjer Maltin. It-tmexxija, l-edukazzjoni, id-dixxiplina, u l-kura tat-tfal miżmuma f'dan l-istitut kienu afdati f'idejn is-sorijiet tal-karità. Biex ebda tfajla meta toħroġ minn dan l-istitut ma toħroġ b'idejha vojta kienu jingħataw ħames mitt lira sterlina kull waħda, u jekk jiżżewwġu qabel il-25 sena tingħata d-dota wkoll. Illum il-ġurnata dan il-post għadu jeżisti u għandu aktar funzjonijiet x'jaqdi.



**FRA DIEGU BONANNO (1831-1902)**

Ġakkinu Bonanno twieled il-Belt Valletta fil-21 ta'Marzu 1831. Meta kien għadu żgħir kulħadd kien sejjaħlu Guliermu, iżda l-lum il-ġurnata huwa aktar magħruf bħala Fra Diegu, isem li ngħata meta daħal bħala ajk mat-tielet Ordni Franġiskan, li huma magħrufa bħala l-patrijiet ta' Ġieżu, fit-23 ta'Marzu 1856. Huwa beda n-novizzjat fis-17 ta' Mejju 1858, u pprofessa fis-16 ta' Lulju 1862.



Ix-xogħol tiegħu prinċ ipali kien idur bil-ħorġa jittallab il-karità, xogħol umli ħafna. Meta beda jgħaddi ż-żmien u Fra Diegu sar magħruf ħafna għax-xogħol tal-karità li kien jagħmel, ħafna baned kienu jorganizzaw attività u l-qliegħ kien imur għat-tfal ta' Fra Diegu. Minbarra jittallab il-karità Fra Diegu kien iżomm għajnejh fuq nies li kellhom bżonnijiet spiritwali ukoll, bħal tfajliet li tkeċċew jew telqu minn djar il-familji tagħhom u jipprova jgħinhom. Din kienet problema mhux żgħira dak iż-żmien. Ħaseb ukoll f'dawk it-tfal li kienu jiġġerrew fit-toroq jitolbu l-karità. Ħass li għandu jsir xi ħaġa u beda l-ewwel passi għat-twaqqifgħal dak li llum huwa magħruf bħala l-Istitut ta' Fra Diegu. Għal-ewwel it-tfal kien jibgħathom f'istitut ġa stabiliti.Għall-ewwel kera dar kbira f'Birkirkara li kienet tieħu ħsiebha oħtu u xi sorijiet Franġiskani. Is-sena ta' wara kera dar akbar fil-Ħamrun fi triq il-Duluri, imma billi n-numru ta' tfal kompla jikber reġa' kera dar ikbar fi Triq Villambrosa Numru 20 li għadha tintuża sal-lum. F'dan l-istitut ġew mrobbija mijiet ta'tfal, u minkejja li għadda dan iż-żmien kollu l-Istitut għadu mwaqqaf u jagħmel l-istess servizzi li għalih waqqfu Fra Diegu. Fra Diegu miet fl-eta' żgħira ta' 46 sena. Minħabba li dan il-post ligħadu jeżisti sal-lum infetaħ fil-Milied tal-1905 Fra Diegu ma raħx lest. Il-bini tal-Istitut kif nafu llum beda 1898, billi il-Markiż Scicluna kien ta somma flus u l-Perit William Strickland ħa ħsieb il-pjanti tal-post. Għal bini tal-post kien hemm diversi benefatturi fosthom il-Konti Tagliaferro, u Alfons Maria Galea.

**Adelaide Cini (1838-1885)**

Fi Triq San Ġużepp li tgħaqqad il-Ħamrun ma' Santa Venera nsibu dar kbira li ħafna jafuha bħala l-Istitut ta' Cini, għalkemm fir-rejaltà hija l-Istitut tal-Qalb ta'



Ġesù. Din hija magħrufa hekk minħabba li x-xebba Adelaide li kienet mill-Belt ddedikat ħajjitha, ħinha, u saħħitha biex tgħin bniet tfajliet u anki nisa li kienu fil-bżonn materjali u anki spiritwali. L-użu ta' din id-dar inbidel xi ftit imma għadu jservi għal għanijiet simili.

Adelaide Cini, twieldet il-Belt fil-25 ta' Ottubu 1838. Missierha kellu fabbrika tal-għaġin u ħanut fil-belt u l-familja kienet f'qagħda soċjali tajba. Miż-żogħżija tagħha Adelaide kellha żewġ għażliet, waħda li tiżżewweġ lil Pawlu Costa iżda hija kienet kontra din il-proposta , u l-oħra xewqa li tidħol soru, iżda l-ġenituri ma kienux favur għax xtaqu li peress li kienet iż-żgħira u ma riditx taf bi żwieġ allura riedu li tibqa' mal-familja. Xorta waħda ppruvat tidħol soru ma' tal-Bon Pastur iżda ma ġietx aċċettata, minħabba li s-sorijiet kienu jafu bl-oppożizzjoni tal-ġenituri. Ippruvat Ordnijiet oħra tas-soritjiet iżda xorta ma ġietx aċċettata. Adelaide bdiet taħdem fost it-tfal li kienu jiġġerrew fit-toroq u propju ftit tal-ġimgħat wara l-providenza ta' Alla bdiet tidher ukoll. Diversi nies sinjuri bdew jagħtuha donazzjonijiet biex tkompli l-ħidma tagħha. F'dar żgħira ħdejn il-knisja ta' Santa Venera bdiet iżżomm tfal żgħar u bniet imfarfra. Fl-1868 miet missierha u lilha ħallilha nofs il-fabbrika u nofs id-dar. B'wirt ieħor u għajnuna mingħand ħuha Pawlu xtrat il-partijiet l-oħra tad-dar u l-fabbrika u bidlithom fl-istitut ligħadu hemm sal-lum. Hekk minn dak in-nhar l'hawn ix-xogħol kiber ħafna u biex jgħinu f'din l-avventura ta' din it-tfajla daħlu s-sorijiet tal-karità magħrufa bħala s-sorijiet ta' San Vinċenz. Adelaide Cini mietet fit-28 ta' Marzu 1885. Il-Papa Piju X fit-23 ta' Frar 1918 ta l-kunsens tiegħu biex tiġi trattata il-kawża tal-beatifikazzjoni tas-Serva ta' Alla Adelaide wara li tressqu ħafna xiehda ta' grazzji li qalgħu għadd kbir ta' devoti. Illum il-ġurnata dan l-Istitutgħadu jagħti servizz imma b'differenza għal dak li ġie mwaqqaf għalih.

**Monsinjur Guzeppi De Piro (1877-1933)**
Biex tikteb dwar Monsinjur De Piro trid volumi sħaħ u għal din l-okkażjoni se nipprova inkun limitat għal dak li għamel fil-Ħamrun. Ġużeppi twieled fit-2 ta' Novembru 1877. Fis-sena 1894 daħal l-Università, fil-fakulta ta' l-arti. Fl-1897 huwa beda jistudja għal avukat. Fl-istess perjodu li kien jistudja kien ingaġġa bħala suldat. F'Mejju tal-1898 ġietu x-xewqa li jsir qassis u mar jistudja Ruma, u ordna erba' snin wara. Kellu divesi karigi li mhux se nsemmi ħlief waħda. Kellu ħolma li jwaqqaf soċjetà missjunarja taħt il-ħarsien ta' San Pawl. F'Jannar tal-1910 wara laqgħa ma' Monsinjur Pietro La Fontaine, il-Viżitatur Appostoliku nkitbet ittra f'dan is-sens u l-Papa Piju X bierek din l-opra. Wara ftit xhur bdiet issehħ din il-ħolma bl-ewwel dar tiftaħ fl-Imdina. Sa ma qabel sar qassis kellu digà rabtiet ma' Dar San Ġużepp li kienet isservi bħala dar għall-iltiema subien. Huwa stess jgħid li minn dan l-istitut kien iħoss li trid tinbet din is-soċjetà kif fil-fatt ġara. Minn dan l-istitut kien imexxi l-attività kollha tiegħu. Fis-sena 1921 ħa t-tmexxija kollha ta' dan l-istitut għax ried jiftaħ il-post għall-orfni subien żgħar ħafna. Dan l-Istitut kien wieħed mid-diversi stituti li De Piro kien responsabbli għalih u għall-manteniment tiegħu. Dan l-Istitut għadu għaddej jagħti servizz sal-lum u matul is-snin kien ta' benefiċċju kbir għal ħafna tfal li xi wħud anki ordnaw saċerdoti. Fil-Ħamrun, Mons. De Piro xtaq li jibni dargħar-romol u x-xjuħ imma lanqasgħal dan ma kellu żmien biżżejjed. De Piro kien bniedem patrijottiku ġenwin u anki gie nvolut fil-ħajja ċivili tal-pajjiż. Żgur li mhux b'kumbinazzjoni li Monsinjur De Piro għamel l-aħħar servizzi reliġjużi tiegħu fil-knisja ta San Gejtanu. Fis-17 ta' Settembru 1933 waqt li kien qiegħed imexxi l-festa tad-Duluri ħassu ħażin, ħaduh l-isptar Ċentrali tal-Furjana u miet ftit tal-ħin wara.

Dawn huma erba' min-nies li taw ħafna għal ħaddieħor fil-Ħamrun, hemm oħrajn bħal Madre Tereża Nuzzo, u l-Beatu Ġorg Preca, imma minħabba limitazzjoni ta' spażju ma nistax nikteb dwarhom illum. Bħal dawn in-nies imma fuq skala żgħira, għalkemm fil-kollettiv tiġi waħda kbira għandna ħafna. Qed nirreferi għal dawk li meta jkun hemm appell jagħtu xi ħaġa żgħira,għal dawk li jmorru jżuru l-morda jew jgħinu lill-anzjani tal-parroċċa, li joħorgu jqarbnu, u jagħtu servizzi oħra lil ħaddieħor fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Minn qalbi għan-nom tal-komunità reliġjuża nghidilkom grazzi u nappellalkom li minbarra li tkomplu tagħtu dan is-servizz hekk bżonnjuż tħeġġu aktar ħbieb biex jgħinu lil min huwa fil-bżonn mhux matul il-jiem tal-festa biss imma s-sena kollha.

Max Farrugia Dip LIS

